*Effetti delimitanti ta' digriet tal-Qorti tal-Magistrati(Malta); Artikolu 47 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta; Inversjoni tal-provi*

# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF TONI ABELA LL.D.

### Seduta ta' nhar il-Gimgha, 7 ta' Lulju, 2017

**Numru 21**

**Rikors Numru 807/06TA**

**Josephine Grech**

**vs**

**Mary Anne Cachia mart Joseph Cachia minnu legalment separata, f'isimha proprju u bhala mandatarja ta' l-assenti Steve Cassar, Matthew Cassar, Lucia mart Bernard Vassallo, Rita armla ta' John Zammit, Raymond Cassar, Amadeo Cassar u Agnes mart Lino Callus minnu legalment separata**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors guramentat ipprezentat fit-30 ta' Awwissu 2006 u mahluf mill-attrici Josephine Grech li permezz tieghu ippremettiet u talbet is-segwenti:

"1. Illi l-konvenuti ippresentaw avviz quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fejn talbu s-segwenti:-

Prevja okkorrendo dikjarazzjoni li inti qed tokkupa minghajr ebda titolu validu fil-ligi l-fondi Flat 5 u Flat 6, f'numru 111, St. Joseph

Street, Valletta, liema fondi jappartjenu lill-atturi, tizgombra mill-istess imsemmija fondi fi zmien qasir u perentorju li jigi lilek prefiss ghal tali skop minn din il-Qorti u thallihom liberi u vojta favur l-atturi.

2. Illi l-attrici, f'dik il-kawza, eccepiet inter alia illi l-atturi jridu qabel xejn jippruvaw it-titolu taghhom b'mod unekwivoku stante li l-azzjoni in dizamina hija fis-sustanza l-*actio rei vindicatoria* u dan skond il-ligi.

3. Illi b'verbal tal-25 ta' Mejju 2006 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat digriet fejn tenniet is-segwenti:-

"Il-Qorti, wara li rat l-Art. 47 tal-Kap. 12, tiddikjara illi m'hijiex kompetenti biex tidderini din il-kwistjoni ta' proprjeta u ghalhekk tipprefiggi terminu ta' erba' (4) xhur mil-lum sabiex il-konvenuta tressaq l-ilment taghha quddiem il-Qorti Superjuri; u tiddiferixxi l-kawza ghal aktar informazzjoni ghall-10 ta' Ottubru 2006 fid-9.00 am."

Ghaldaqstant l-esponent jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

i) Tiddikjara ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi illi l-konvenuti ghandhom jippruvaw it-titolu taghhom fuq il-fondi Flat 5 u Flat 6, f'numru 111, St. Joseph Street, Valletta.

Bl-ispejjez u l-konvenuti ingunti in subizzjoni."

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti, prezentata fil-5 ta' Lulju 2007 mahlufa minn Mary Anne Cachia li permezz taghha wiegbu u eccipew is-segwenti:-

"1. Illi l-azzjoni attrici ghandha tigi michuda, bl-ispejjez kontra l-attrici, ghaliex hija gudirikament insostenibbli u ma tissodisfax id-dettami tal-verbal tal-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-25 ta' Mejju 2006 moghti minnha fil-kors tal-Avviz Nru. 92/2004 fl-ismijiet "Mary Anne Cachia pro et noe vs Josephine Grech".

2. Salvi eccezzjonijiet ohra."

Rat l-avviz tat-23 ta' Frar 2017 dwar l-assenjazzjoni ta' dmirijiet lill-Imhallfin ai termini tal-artikolu 11(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li bis-sahha tieghu l-kawza odjerna giet assenjata lil dina l-Qorti kif presjeduta meta kienet diga` imhollija ghas-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Qrat ix-xhieda li gew imressqin mill-partijiet;

Rat id-dokumenti li gew esebiti in atti;

Rat il-verbal tal-udjenza tat-28 ta' Frar, 2017, fejn il-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

**<u>Il-punti ta' fatti bejn il-partijiet</u>**

**1.** Permezz ta' avviz numru 92/04 MM fl-ismijiet Mary Anne Cachia pro et -vs- Josephine Grech, prezentat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) li jinsab a fol 32 tal-process odjern, il-konvenuti odjerni, atturi f'dik il-kawza, talbu li l-konvenuta, u cioe` l-attrici odjerna, tigi ordnata tizgombra mill-fondi Flat 5 u Flat 6, fin-numru 11, St. Joseph Street, Valletta peress li l-okkupazzjoni tal-istess da parti taghha hija minghajr titolu tajjeb fil-ligi.

**2.** Permezz ta' risposta ossia nota ta' eccezzjonijiet, Josephine Grech, konvenuta f'dik il-kawza, izda attrici fil-kawza odjerna, fost ohrajn eccepit "*Illi*

*fil-mertu l-atturi jridu qabel xejn jipprovaw it-titolu taghhom b'mod unekwivoku stante li l-azzjoni in dezamina hija fis-sustanza l-actio rei vendicatoria u dan skond il-ligi.*" (a fol 42).

In vista tas-suespost saret din il-kawza.

**<u>Punti ta' ligi</u>**

**3.** Qabel ma din l-Qorti tipprova tidhol fil-mertu tal-kawza, jekk ikun il-kaz, l-ewwel ma trid tinvesti hija l-unika eccezzjoni sostanzjali li giet moghtija mill-konvenuti f'din il-kawza. Il-prosegwiment tal-kawza fuq kwistjonijiet ohra jiddependu mill-ezitu decizjonali dwar din l-eccezzjoni. Din l-eccezzjoni hija unikament impernjata fuq il-punt dwar jekk il-kawza kif proposta mill-attrici, b'mod partikolari t-talbiet, tirrispettax l-effetti tad-dettami delimitanti tad-digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-25 ta' Mejju 2006 (a fol 138 tal-process odjern), u dan wara li dik il-Qorti rat l-artikolu 47 tal-Kap 12 tal-Ligijiet u ordnat, u mhux idderigiet, lill-attrici odjerna, konvenuta f'dik il-kawza, sabiex fi zmien erbgha xhur mid-data tad-digriet, li nghata fl-udjenza, tressaq l-ilment taghha quddiem il-Qorti kompetenti u cioe` il-Prim Awla tal-Qorti Civili kif fil-fatt gara.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

**4.** L-ewwel ma jrid jinghad hu, li din il-Qorti ma taqbel xejn mad-digriet fuq imsemmi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta). F'cirkostanzi simili, meta

jitqanqal punt bhal dwar il-kompetenza ta’ dik il-Qorti, normalment isir bil-kuntrarju ta’ dak li gara f’dik il-kawza. Fid-dawl tal-eccezzjonijiet tal-konvenut dwar l-inkompetenza *ratione materiae* tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), dik il-Qorti tipprefiggi zmien **lill-attur** sabiex jottjeni d-dikjarazzjoni gudizzjarja tat-titolu, f’dan il-kaz ta’ propjeta’, quddiem il-Qorti kompetenti.

**5.** Ma hemm ebda dubbju, li d-dibbatitu li qam quddiem il-Qorti l-ohra, kien wiehed li kjarament jaqa' fil-kamp tal-petitorju. Propju ghalhekk kienet ezorbitat il-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta). Ghal dik il-Qorti l-kwistjoni kienet prettament ta' procedura u cioe` lil min kellha tordna biex jiddeduci l-azzjoni appozita quddiem il-Qorti kompetenti biex jigi stabbilit it-titolu ta' propjeta'.

**6.** Konsonanti mas-sentenzi ta' dawn il-Qrati, meta si tratta tal-*actio petitorja*, il-prova ta' dan, tistrieh dejjem fuq min qieghed jivvanta titolu ta' propjeta`, tant li l-konvenut jista' passivament joqghod supin u jhalli f'idejn l-attur biex igib il-prova djabolika tat-titolu tieghu. Forsi kien ikun jaghmel aktar sens, kieku dik il-Qorti qabel ma halliet lill-partijiet iressqu l-provi fuq il-mertu, l-ewwel investiet din l-eccezzjoni fuq imsemmija. Ghalhekk jaghmel sens, li kellu jkun l-attur f'dik il-kawza li jinghata zmien biex iressaq il-pretensjoni tieghu quddiem il-Qorti kompetenti, ghaliex dak li ghall-Qorti tal-Magistrati (Malta) huwa kwistjoni ta' natura procedurali, quddiem dik il-Qorti kompetenti, u cioe` il-Prim’Awla tal-Qorti Civili, hija kwistjoni ta' azzjoni

sostantiva li tirrigwarda l-kamp petitorju. F'dan il-kamp huwa dejjem l-attur li jkun qieghed jinvoka d-dritt ta' propjeta` u li jrid igorr dan il-piz probatorju biex jigi stabbilit dan il-punt.

**7.** Dan qieghed jinghad ghall-ahjar gwida fuq dan il-punt, kull meta jitqanqlu kwistjonijiet bhal dawk li kellha quddiemha l-Qorti l-ohra. Tajjeb jew hazin, id-digriet li nghata hu dak li hu u ghalhekk l-eccezzjoni mqanqla llum trid tkun ikkunsidrata fid-dawl ta' dan id-digriet biss.

**8.** It-tieni punt jirrigwarda l-liberta' assoluta li ghandu kull min jaghmel kawza, fil-mod kif jidhirlu l-ahjar li ghandu jfassalha jew jikkonfezzjonaha. Ghal din ir-regola ftit huma l-eccezzjonijiet fejn l-attur ikollu jdejh marbuta. Din hija wahda minn dawk l-okkazjonijiet.

**9.** L-attrici qed teccepixxi li l-kawza kif proposta ma tirrispettax l-ordni li tat il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fid-digriet taghha fuq imsemmi. Minn ezami tal-process tal-kawza l-ohra, jidher car, li l-partijiet dahlu ferocement fil-kamp tal-petitorju. Il-partijiet dahlu f'kumbattiment legali dwar it-titolu ta' propjeta` vantati mill-atturi fil-kawza l-ohra.

**10.** Konsegwentement il-Qorti tal-Magistrati (Malta), ghalkemm setghet tkun aktar esplicita fid-digriet taghha, riedet prova gudizzjarja dwar it-titolu tal-atturi f'dik il-kawza, la darba ma setghetx tiddeciedi dan l-aspett hi, fid-dawl tal-fatt li din il-materja kienet tesorbita il-kompetenza taghha abbazi tal-

artikolu 47 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta (ara **Appell Civili Inferjuri 16/3/2001 Spizjar Frederick Vella -vs- Aldo Laferla**). Din il-Qorti fehmet, li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) ghalhekk riedet, li biex il-kawza li kellha quddiemha setghet timxi fil-mertu, ried ikun hemm l-otteniment ta' dikjarazzjoni gudizzjarja dwar it-titolu **tal-atturi** u mhux jekk dawn kellhomx ikunu huma li jipprovaw it-titolu taghhom f'dik il-kawza. Decizjoni bhal din tal-Prim'Awla, ma kienet ser issolvi xejn quddiem il-Qorti l-ohra fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-artikolu 47 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

**11.** It-talba tal-attrici f'din il-kawza qed tkun riportata testwalment ai fini ta' kjarezza ta' dan il-gudizzju u qed tkun riportata testwalment:-

> "Tiddikjara ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi illi l-konvenuti **ghandhom jipprovaw it-titolu taghhom** fuq il-fondi Flat 5 u Flat 6, f'numru 111, St Joseph Street, Valletta". (L-ittri ingrass tal-Qorti).

**12.** Din il-Qorti hi tal-fehma li t-talba kif maghmula ma ssegwix id-digriet moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Malta). Jekk qatt, it-talba kellha tkun fis-sens li l-konvenuti ma humiex proprjetarji u mhux li jridu jipprovaw it-titolu.

**13.** Maghdud ma' dan, irid jinghad ukoll, li l-kawzali kollha tar-rikors guramentat, huma allacjati mhux ma' xi xorta ta' azzjoni sostantiva ghall-otteniment ta' dikjarazzjoni ta' propjeta', izda unikament b'referenza ghall-proceduri li hemm pendenti quddiem il-Qorti l-ohra fl-ismijiet premessi kif fuq inghad. Fir-rejalta' din il-Qorti fehmet, li dak li qieghdha titlob l-attrici odjerna

f'din il-kawza, hija dikjarazzjoni tax-xorta ta' procedura, fis-sens li l-provi ghandhom ikunu invertiti. Kif diga` inghad din ix-xorta ta' dikjarazzjoni ma jista' qatt ikollha xi xorta ta' *sequitur* legali fil-kawza l-ohra. Jekk l-attrici kellha f'mohha li tottjeni xi dikjarazzjoni ta' propjeta`, anke fid-dawl tar-rikors minnha maghmul tal-20 ta' Novembru 2007 a fol 7 tal-process, ma jidhirx li bil-mod kif konfezzjonata l-kawza, b'mod partikolari t-talba, hija imxiet mad-dettami delimitanti tad-digriet tal-Qorti l-ohra kif fuq spjegat.

**14.** Fl-ahhar nett, din il-Qorti trid taghmilha cara, li l-ezitu ta' din il-kawza ma jincidix fuq il-punt jekk il-Qorti l-ohra ghandhiex, wara din is-sentenza, taghti dawk il-provvedmenti opportuni ohrajn biex taccerta li dik il-kawza timxi.

**Decide**

Ghaldaqstant in vista tas-suespost, din il-Qorti qeghdha taqta' u tiddeciedi l-kawza billi **tichad** it-talbiet attrici bl-ispejjes kontra taghha.

**Imhallef Toni Abela**

**Deputat Registratur**